31983D0414

L 237/4 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 26.8.1983

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-25 ta' Lulju 1983

## Dwar id-dħul tal-Komunità fil-Konvenzjoni dwar is-Sajd u l-Konservazzjoni tar-riżorsi ħajja fil-Baħar Baltiku u l-Ibħra ta' Madwaru, kif emendata bil-Protokoll tal-Konferenza tar-rappreżentanti ta' l-Istati Parti fil-Konvenzjoni ffirmata f'Varsavja fil-11 ta' Novembru 1982

(83/414/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekononomika Ewropea u b' mod partikolari l-artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi t-tmexxija u l-konservazzjoni tar-riżorsi ħajja fil-baħar baltiku u l-ibħra ta' madwaru teħtieġ regolazzjoni internazzjonali;

Billi, għal dan il-għan, il-Konvenzjoni dwar is-sajd u l-konservazzjoni tar-riżorsi ħajja fil-baħar baltiku u l-ibħra ta' madwaru, minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Konvenzjoni ta' Gdansk" , ġiet iffirmata fi Gdansk fit-13 ta' Settembru 1973 u daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Lulju 1974;

Billi l-Komunità għandha kompetenza esklussiva sabiex tieħu miżuri ta' konservazzjoni dwar ir-riżorsi ħajja tal-baħar mhux biss b' mod awtonomu iżda wkoll permezz ta' obbligi kuntrattwali lejn terzi pajjiżi u fil-qafas ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali;

Billi ż-żewġ Stati Membri li huma partijiet kontraenti fil-Konvenzjoni ta' Gdansk, jiġifieri r-Renju tad-Danimarka u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fl-1977 ippreżentaw lill-Gvern Pollakk depositarju tal-Konvenzjoni, proposti għall-emendi tal-konvenzjoni sabiex ikun possibbli d-dħul fiha mill-Komunità;

Billi l-Istati Parti tal-Konvenzjoni ta' Gdansk, iffirmaw fil-11 ta' Novembru 1982 protokoll li fih proposti għall-emendi tal-Konvenzjoni *inter alia* l-proposta Daniża-Ġermaniża msemmija;

Billi dawn l-emendi jidħlu fis-seħħ 90 jum wara li l-Gvern Depożitarju jirċievi n-notifiki ta' l-aċċettazzjoni ta' l-emendi mill-Partijiet kollha; billi wara dan id-dħul fis-seħħ il-Komunità' tista' tidħol fil-Konvenzjoni ta' Gdansk;

Billi sabiex tikkontribwixxi għall-konservazzjoni tar-riżorsi ħajja fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni ta' Gdansk u fejn is-sajjieda tal-Komunità' jaħdmu, hemm bżonn li l-Komunità' tidħol f'din il-Konvenzjoni,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Id-dħul tal-Komunità Ekonomika Ewropea fil-Konvenzjoni dwar is-sajd u l-konservazzjoni tar-riżorsi ħajja fil-baħar baltiku u l-ibħra ta' madwaru, kif emendata bil-protokoll tal-konferenza tar-rappreżentanti ta' l-Istati Parti f'din il-Konvenzjoni, iffirmata f'Varsavja fil-11 ta' Novembru 1982, hija hawn approvata mill-Komunità'.

It-testi ta' din il-Konvenzjoni u l-Protokoll huma l-annessi ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jddepożita l-istrument tad-dħul mal-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu Pollakk skond l-Artikolu XVIII tal-Konvenzjoni ([3]).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, il-25 ta' Lulju 1983.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. SIMITIS

---

([1]) ĠU C 117, tat-30.4.1983, p. 4.

([2]) Opinjoni mogħtija fit-8 ta' lulju 1983 (sa issa mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għall-Komunità' ser tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjai tal-Komunitajiet Ewropej* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.